# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru: 92/2013 TA**

**Grezzju (K.I. nru. 51954M) u Carmela (K.I. nru. 39554M) konjuġi Galea bħala kuraturi ta' Nathalie Galea (K.I. nru 648582(M)**

**vs**

**Dentist Dottor Paul Vella u**

**Dentist Dottor James Galea (K.I. nru. 0444972M)**

**<u>Il-Qorti</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-Atturi nomine ippreżentat fil-31 ta' Jannar 2013 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

<u>Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>

**1.** "Permezz ta' digriet datat 5 ta' Awwissu 2005, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) ordnat l-inabilitazzjoni ta' Nathalie Galea (K.I. nru 648582M), illi ssoffi minn Downs Syndrome, milli tagħmel dawk l-atti li ma humiex ta' sempliċi amministrazzjoni ndikati fl-Artikolu 524(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jekk mhux bl-għajnuna tal-ġenituri tagħha Grezzju (K.I. nru. 51954M) u Carmela (K.I. nru. 39554M) konjuġi Galea, u in forza tal-istess digriet huma ġew nominati kuraturi ta'

binthom inabilitata, id-Digriet odjern qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A':

**2.** Fiż-żmien bejn Awwissu 2005 u Novembru 2009, ir-rikorrenti Nathalie Galea kienet taħt il-kura tad-Dentisti Dottor Paul Vella u Dottor James Galea;

**3.** Fiż-żmien bejn 1-14 ta' Ottubru 2005 u t-28 ta' April 2009, ġew impjantati lir-rikorrenti Nathalie Galea, mid-Dentist kuranti tagħha Dottor Paul Vella, tlett bridges. Tali impjanti, illi seħħew permezz ta' tlett (3) interventi, kienu jirrikjedu li jiġu estratti s-snien imħassra tar-rikorrenti u minflokhom jitqiegħdu snien artifiċjali permezz tal-imsemmija bridges l-ġenituri tar-rikorrenti s'intendi, ddeċidew li jissottoponu lil binthom għal dawn l-interventi, fuq il-parir mediku tal-imsemmi Dottor Paul Vella;

**4.** Kmieni fis-sena 2006, Grezzju u Carmela konjuġi Galea kellhom jirrikorru għand l-intimat Dottor Vella, minħabba xi problemi li binthom Nathalie kienet qiegħda tirriskontra fi bridge preċedentement impjantat mill-istess Dottor Paul Vella. Dan il-bridge kien qiegħed jillaska u kien qiegħed jikkawża uġiegħ qawwi lir-rikorrenti. L-intimat Dottor Vella, wara li eżamina lir-rikorrenti, irrefera -każ lid-Dentist Dottor Justin Agius li wara l-aċċertamenti mediċi neċessarji. inkluż x-rays, informa lir-rikorrenti nomine li huwa ma kienx jaqbel mal-interventi mwettqa mill-intimat Dottor Vella. Meta r-rikorrenti rrinfaċċjaw lill-intimat Dottor Vella b'dan, dan tal-aħħar irrifera l-każ lil kollega l-ieħor tiegħu, id-Dentist Dottor James Galea, għand liema huwa akkompanja personalment lir-rikorrenti għall-konsulta in kwistjoni:

**5.** L-intimat Dottor Galea irrimedja l-imsemmija problema biss b'mezzi temporanji, u cioe' billi permezz ta' għoti trasparenti waqqaf il-bridge milli jillaxka ulteriorment. Għal darb'oħra l-ġenituri tar-rikorrenti aċċettaw tali trattament, fuq il-parir mediku tal-intimati;

**6.** Wara ftit taż-żmien, bridge ieħor preċedentement impjantat mill-intimat Dottor Paul Vella ukoll beda jillaxka. Ir-rikorrenti reġgħet bdiet tilmenta b'uġieħ qawwi kemm fil-lok taż-żewġ bridges u kif ukoll fis-saqaf ta' ħalqha. Għaldaqstant il-konjuġi Galea reġgħu irrikorrew. għand l-intimat Dottor Vella. Din id-darba, l-intimat Dottor Paul Vella, ma rriferiex il-każ kif kien preċedentement għamel imma ddeċieda li jipproċedi bl-extraction ta' sinna embedded ġewwa s-saqaf ta' ħalq ir-rikorrenti. Għal darb'oħra l-ġenituri tar-rikorrenti aċċettaw li jissottoponu lil binthom għal tali intervent, fuq il-parir mediku tal-intimat Dottor Vella;

**7.** Biss ftit żmien wara, Grezzju u Carmela konjuġi Galea kellhom iżda għal darb'oħra jirrikorru għand l-intimat Dottor Vella, stante li l-uġiegħ li minnu kienet qiegħda tbati r-rikorrenti ippersista. Din id-darba l-intimat Dottor Vella mill-ewwel reġa' irrifera l-każ lill-kollega tiegħu - intimat Dottor James Galea, għand liema huwa reġa' akkompanja personalment lir-rikorrenti għal din it-tieni konsulta. B'sorpriża, l-intimat Dottor Galea, wara xi aċċertamenti mediċi, inkluż x-rays, issuġġerixxa intervent ulterjuri sabiex tiġi *grafted sinna embedded* ġewwa s-saqaf ta' ħalq Nathalie Galea. Il-ġenituri tar-rikorrenti, bi speranza li binthom ma tibqax muġugħa, aċċettaw li jsir dan it-tieni intervent;

**8.** Fid-9 ta' Diċembru 2009, l-intimat Dottor Galea ipproċeda bl-intervent imsemmi taħt anestesija ġenerali. Jakkumpanja lill-intimat Dottor Galea tul dan l-intervent kien hemm l-intimat Dottor Vella, illi, iżda, telaq mill-klinika eżattament kif tlesta l-imsemmi intervent. Wara l-intervent, l-intimat Dottor Galea spjega lill-familjari tar-rikorrenti, b'sorpriża kbira għalihom, illi kien sar żball u li filfatt ma kien hemm ebda sinna *embedded* ġewwa s-saqaf ta' ħalq Nathalie Galea;

**9.** Wara dan l-intervent, ir-rikorrenti kella tattendi regolarment ġewwa l-klinika tal-intimat Dottor Galea għal perijodu ta' madwar xahrejn sabiex tiġi kkurata lilha l-ferita mhollija minn dan it-tieni intervent;

**10.** Inoltre, minkejja dan kollu, għal perijodu konsiderevoli ta' żmien, ir-rikorrenti xorta baqgħet tilmenta b'uġieħ qawwi kemm fil-lok taż-żewġ bridges u kif ukoll fis-saqaf ta' ħalqha. L-interventi li saru lir-rikorrenti taħt il-kura tal-intimati Dottor Vella u Dottor Galea wasslu għal perijodu twil ta' rikoveru u trattament. Dan apparti l-ispejjeż inġenti li issa jidher li saru għal kollox inutilment. Preżentement, taħt il-kura tad-Dentist Dottor Justin Agius, wieħed mill-bridges ġie sostitwit b'dentatura u bridge preċedentement impjantat kif fuq spjegat għadu sallum il-ġurnata laxk;

**11.** Per konsegwenza tan-nuqqas ta' prudenza, diliġenza, ħsieb u ħila, jew negliġenza u imperizja, tal-intimati, r-rikorrenti sofriet danni u spejjeż oħra;

**12**. L-intimati, debitament interpellati permezz ta' ittra ġudizzjarja datata 30 ta' Novembru, 2011 (riferenza 3834/2011), sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti, baqgħu għal kollox inadempjenti. Kopja tal-odjerna ittra ġudizzjarja qiegħda tiġi hawn annessa u immarkata bħala Dok. 'B':

**13.** Grezzju (K.I. nru, 51954M) u Carmela (K.I. nru. 39554M) konjuġi Galea, jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.

<u>Raġuni tat-Talba</u>

1. Għalhekk, per konsegwenza tan-nuqqas ta' prudenza, diliġenza, ħsieb u ħila, jew negliġenza u mperizja, tal-intimati, ir-rikorrenti sofriet danni u spejjeż oħra.

2. Għalhekk kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

<u>Talbiet</u>

**Jgħidu għalhekk l-intimati 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:**

**1.** Tiddikjara u tiddeċidi li l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni u spejjeż oħra sofferti mir-rikorrenti kif fuq spjegat;

**2.** Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, id-danni u l-ispejjeż sofferti mir-rikorrenti kif fuq spjegat; u

**3.** Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex iħallsu lir-rikorrenti d-danni u l-ispejjeż hekk likwidati, u dan flimkien ma' l-imgħaxijiet dekoribbli mit-30 ta' Novembru 2011, data tal-ittra ġudizzjarja.

Bl-imgħax legali kif mitlub u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja datata 30 ta' Novembru 2011, kontra l-intimati, jew min minnhom, li jinsabu minn issa nġunti għas-subizzjoni".

Rat ir-risposta ġuramentata tad-dentist Dr. James Galea ippreżentata fit-8 ta' Marzu 2013 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:-

**1)** "Preliminarjament illi t-talbiet tar-rikorrenti *nomine,* kif diretti kontra l-esponenti, huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

**2)** Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti *nomine* huma infondati fil-fatti u fid-dritt stante li l-esponenti qeda tajjeb u kif titlob is-sena u l-arti d-dmirijiet tiegħu fis-servizzi mogħtija minnu lill-pazjenta, konsistenti f'intervent ta' kirurġija fil-ħalq li kien kompjut b'suċċess;

**3)** Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti *nomine* ma sofrew ebda dannu;

**4)** Salv eċċezzjonijiet oħra".

Rat ir-risposta tad-dentist Dr. Paul Vella ippreżentata fil-11 ta' Marzu 2013 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:-

**1.** "Illli l-esponenti mhux jikkontesta l-fatti enunċjati fl-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat tar-rikorrenti.

**2.**Illi l-esponenti kien beda jikkura lill-inabilitata Nathalie Galea sa mil-2005 u kien baqa jagħmel hekk sat-28 ta' April, 2009.

**3.** Illi f'dan il-perijodu l-esponenti rrenda servizzi professjonali lil Nathalie Galea billi ġew lilha mpjantati tlett 'bridges'. Dawn saru taħt id-direzzjoni u l-kura tal-esponenti.

**4.** Illi fl-2006 u 2007 l-istess pazjenta kienet għada taħt il-kura tiegħu meta sar servizz ta' 'scaling. Tali servizzi baqgħu sejrin sa April tal-2009. L-esponenti jiċħad li huwa rrefera lill-pazjenta lid-Dentist Justin Agius, fl-2006/7. Huwa kien irrefiha għandu fl-2009. Wara kienet reġgħet ġiet għandu.

**5.** Illi r-riferenza tal-esponenti lil Dr. James Galea saret f' Novembru tal-2009, fejn kien akkumpanja lill-pazjenta personalment per kortesija mhux għax kien meħtieġ jew għax ried jirrendi xi servizzi professjonali lil Nathalie Galea. Dana sar bona grazja.

**6.** Illi minn dak iż-żmien 'l quddiem il-pazjenta kienet taħt il-kura tad-Dentist Dr. James Galea. Huwa ħadilha X Ray u eventwalment ta' appuntament għall-operazzjoni.

**7.** Illi sa fejn jaf huwa Dr. James Galea kien għamel l-intervent tiegħu u kien neħħa il-'left canine' waqt li m' identifikax ir-'right canine'. Dwar tal-aħħar kien staqsa jekk kienx hemm xi intervent ta' dentist ieħor fil-frattemp, qabel tiegħu pero r-risposta kienet fin-negattiv.

**8.** Illi Dr. Galea segwa l-pazjenta fiż-żmien tal-fejqan tagħha mingħajr problemi, u qatt ma kellu ilmenti mil-ġenituri dwar il-pazienti.

**9.** Illi l-esponenti jiċħad li huwa sussegwent għamel xi intervent ieħor fuq l-istess pazjenta u jiċħad li huwa għamel extraction ta' sinna mis-saqaf ta' ħalqa. Servizzi oħra kienu reżi lil Carmela Galea fl-2009.

**10.** Illi kien f'Diċembru tal-2009 meta Dr. James Galea għamel l-intervent tiegħu u l-esponenti kien preżenti mhux biex jassisti imma per kortezija mal-pazjenta. L-esponenti ma jafx la b'riferenza oħra għand Dr. Galea jew b'xi intervent ieħor ta' Dr. Galea.

**11.** Illi l-esponenti jiddikjara li huwa rrenda serviġi professjonali lir-rikorrenti, Nathalie Galea, kien dejjem prudenti fl-eżerċizju tal-professjoni tiegħu, kien diliġenti u mexa dejjem skond kif titlob il-professjoni tiegħu.

Għalhekk huwa jiċħad li kkawża xi danni lir-rikorrenti u konsegwentament jiċħad li huwa responsabbli għal xi danni. Għaldaqstant huwa jeċċepixxi bir-rispett:

**1.** Il-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-artiklu 2149(b) tal-Kodiċi Ċivili Kap.16.

**2.** Il-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap. 16, bla ħsara għal dak premess.

**3**. Illi huwa rrenda dejjem servizżi kif titlob il-professjoni tiegħu ta' kirurgu dentali, kien diliġenti u prudenti fl-istess eżerċizju.

**4.** Illi għaldaqstant ma ikkawża l-ebda danni lir-rikorrenti Nathalie Galea u mhux dovut iħallas tali danni likwidati.

**5.** Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri".

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat is-sentenza parzjali tad-29 ta' Settembru 2016.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Lulju 2022 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza .

## <u>Punti ta' fatti</u>

Iċ-ċirkostanzi li sawwar din il-Kawża huwa l-intervent sottomess fuq l-Attriċi Nathalie Galea li tbati minn kundizzjoni ta' Down Syndrome. Dan l-intervent sar fit-12 ta' Diċembru 2009 mid-dentist Konvenut Dr. James Galea fil-preżenza

tad-dentist Konvenut l-ieħor Dr. Paul Vella. L-intervent kien jikkonsisti fit-tneħħija ta' nejba/nejbiet midfuna/midfunin fil-ħanek tal-attriċi Nathalie Galea.

Il-verżjoni mogħtija mill-partijiet fuq ir-retroxxena ta' dan l-intervent tvarja u ma hiex konsistenti. Id-dentist konvenut Dr. James Galea jgħid li kellhom jitneħħew żewġ nejbiet – waħda fil-lemin u l-oħra tax-xellug, d-dentist Konvenut l-ieħor Dr. Paul Vella jgħid l-istess fl-affidavit tiegħu (a' fol 45). Fix-xhieda tiegħu madanakollu jgħid li qabel l-operazzjoni huma tkellmu li jaqilgħu nejba waħda tax-xellug (a' fol156). Din il-verżjoni hija korraborata mill-verżjoni tad-dental nurse tal-istess Dr. Paul Vella, Caroline Sciberras, u anke minn dik ta' omm l-Attriċi Carmela Galea fejn jgħidu li l-intervent kellu jsir biex tinqala' biss in-nejba tax-xellug li suppost kienet midfuna fil-ħanek tal-Attriċi (affidavit u xhieda dental nurse Caroline Sciberras a' fol 46 u fol 173, affidavit Carmela Galea fol 59 para 5, fol 101 para 6, xhieda Carmela Galea a' fol 214 u 218).

Ġara li, għal xi raġuni, d-dentist konvenut Dr. Galea ddeċida li jaqla' wkoll in-nejba tal-lemin li nstabet u tneħħiet, mentri n-nejba tax-xellug ma nstabitx. Dan sar magħruf wara *drilling* li sar fil-ħanek tar-Attriċi f'tentattiv inutli li titfaċċa din in-nejba tax-xellug (ara xhieda Dr. James Galea a' fol 136 u).

L-iskop ta' dan l-intervent kien li tkun riżolta l-problema ta' ċaqliq f'żewġ bridges li kienu impjantati fis-saqaf ta' ħalq l-Attriċi mid-dentist konvenut Dr. Paul Vella fil-21 ta' Ottubru 2005 u fil-15 ta' Novembru 2005. Fl-affidavit tiegħu d-dentist Konvenut Dr. James Galea jgħid li l-bridges kellhom mobility grade 1 (ara fol 53). Fix-xhieda tiegħu huwa jgħid li dawn kellhom mobility grade 2 (ara xhieda a' fol 131).

Skont id-dentist Konvenut Dr. James Galea, huwa ħareġ b'din il-proposta flimkien mad-dentist Konvenut l-ieħor Dr. Paul Vella (ara xhieda Dr. James Galea a' fol 131). Skont id-dentist Konvenut Dr. Paul Vella, din il-proposta ħareġ biha d-dentist Dr. James Galea waħdu (ara xhieda Dr. Paul Vella a' fol 151). Din il-verżjoni tikkontrasta mal-verżjoni preċedenti mogħtija minn Dr. Paul Vella stess in k/eżami (a' fol 51B).

Din l-aħħar verżjoni tikkorrabora dik tad-dental nurse tal-istess Dr. Vella, Caroline Sciberras, li tgħid li kien Dr. Paul Vella li ppropona n-nejba midfuna bħala kawża taċ-ċaqliq tal-bridges. Huwa rrefera lill-Attriċi għal konsulta fuq dan ir-rigward lill-Dr. Justin Agius. L-Attriċi kif rappreżentata mill-ġenituri tagħha, madanakollu reġgħet ġiet lura għand Dr. Vella u talbitu jirreferija għand dentist ieħor għax qalet li Dr. Agius ma qabilx mal-intervent. Dr. Paul Vella għalhekk irreferija għand id-dentist Konvenut Dr. James Galea u l-intervent fil-fatt sar minnu (ara affidavit tad-dental nurse Caroline Sciberras a' fol 46 u affidavit ta' omm l-attriċi Carmela Galea a' fol 59 para 3 u fol 101 para 4).

Fatt ieħor li joħroġ b'ambigwitá mill-atti huwa liema X-Ray ġie konsultat qabel l-intervent. Id-dentist Konvenut Dr. James Galea jgħid li huwa ma ħax X-Rays ta' l-Attriċi iżda qgħad fuq l-X Ray li bgħatlu d-dentist Konvenut l-ieħor Dr. Paul Vella via e-mail (ara k/eżami Dr. James Galea a' fol 133 sa 135). Dan l-X Ray, preżentat minn Dr. Vella a' fol 144, kien ittieħed minn dan il-Konvenut f'xi żmien qabel l-14 ta' Ottubru 2005, jiġifieri qabel ma ġew minnu pjantati l-bridges f'ħalq ir-Rikorrenti (ara a' fol 144 u affidavit dental nurse Caroline Sciberras a' fol 46).

Din il-verżjoni ta' Dr. Galea tikkuntrasta ma' dik mogħtija minnu stess fl-affidavit tiegħu fejn jgħid li l-X-Ray preżentahomlu Dr. Vella dak inhar tal-Konsulta, jiġifieri fit-3 ta' Diċembru 2009 u għalhekk ma ġewx mibgħuta lilu b'email (ara affidavit a' fol 53). Minn naħa tagħhom, kemm id-dental nurse Caroline Sciberras kif ukoll id-dentist Konvenut Dr. Paul Vella qalu li d-dentist Konvenut Dr. James Galea kkonsulta X-Rays li ħa hu stess dik inhar tal-konsulta fit-3 ta' Diċembru 2009, jiġifieri ġimgħa qabel l-intervent (ara affidavit u xhieda Caroline Sciberras a' fol 47 u 172 u xhieda Dr. Vella a' fol 156). F'dan ir-rigward omm ir-Rikorrenti Carmela Galea stqarret is-segwenti: "*ma niftakarx ittieħdux x-rays qabel din l-operazzjoni u wisq nissuspetta li d-dentisti ħadmu fuq x-rays preċedenti li kien ħa Dott. Vella u/jew qrawhom ħażin. Jien kont spjegajt lil Dott. Galea li Dott. Vella kien diġa qala sinna mis-saqaf ta' ħalq Nathlie; Dott. Galea ma weġbnix!*" (ara affidavit a' fol 102).

Fix-xhieda tagħhom id-dentist Konvenut Dr. Paul Vella u l-eks dental nurse tiegħu Caroline Sciberras innegaw li Dr. Vella qatt qala' snin l-Attriċi A' fol 150 u 171). Din il-verżjoni iżda hija kontradetta minn Dr. Vella stess fl-affidavit tiegħu (a' fol 44 ara l-ewwel paragrafu), kif ukoll minn dak li jirriżulta fil-medical history preżentat (a' fol 147). Kif ikkonstata l-espert tal-Qorti jirriżulta bħala fatt li n-nejba tax-xelluq ta' fuq kienet ġiet maqlugħa mid-dentist Konvenut Dr. Paul Vella fit-28 ta' Ottubru 2005.

Wara dan l-intervent, l-Attriċi kellha tiġi medikata għal ferita li saritilha għalxejn fin-naħa tax-xellug tal-ħanek tagħha. Hija damet tiġi hekk medikata għal xi xaharejn, għall-ewwel mid-dentist Konvenut Dr. James Galea umbagħad mid-

dentist Konvenut l-ieħor Dr. Paul Vella (ara affidavit u xhieda ta' Dr. Paul Vella a' fol 45 u 57, affidavit Caroline Sciberras a' fol 46, affidavit Carmela Galea a' fol 60 u 102).

L-Attriċi waqfet tuża s-servizzi ta' Dr. Paul Vella u bdiet tmur għand Dr. Justin Agius li neħħilha l-bridges kollha u rrimpjazzahomla bi snien temporanju u wara b'implant permanenti fit-18 ta' Lulju 2016. Dan l-implant irriżulta li kien suċċess għaliex qatt s'issa ma reġa' kellha kwistjonijiet oħra fuq sniena (ara affidavit omm l-Attriċi Carmela Galea a' fol 102 para 9 u Dr. Justin Agius a' fol 191).

Skont il-Konvenut Dr. James Galea n-nejba kienet tidher fl-X-Ray (ara fol 137). Tal-istess fehema huwa Dr. Justin Agius (xhieda a' fol 195). Fix-xhieda tiegħu il-Konvenut Dr. Paul Vella jgħid iżda li n-nejba ma kienetx tidher mill-X-Ray. L-istess ħaġa jgħid ukoll l-espert tal-Qorti l-Profs George Camilleri. Huwa jispjega li dan it-tip ta' X-Ray bl-isem ta' Orthopantogram (OPT) "*jista' juri iż-żewġ nejbiet f'x-ray wieħed imma jista' ma junx ċar ħafna fuq in-naħa ta' quddiem tal-ħalq. Din qed ngħidu għax għalkemm fl-OPT li għandhna m'hemmx nejba tal-lemin din tista' tkun hemm u ma tidhrix ċara. Il-probabiltá kbira hi li kienet diġa nieqsa met ntħad dan l-x ray*" (ara rapport fol 312). Fl-eskussjoni tiegħu, Profs Camilleri kompla jispjega li "*L-x Ray li hemm fuq il-file li huwa għedt bejn dik id-data minn 2005 sa 2009, daka jidher juri ninety nine point nine percent li ma kienx hemm sinna.*" (ara eskussjoni a' fol 324).

**Punti ta' Liġi**

B'din l-azzjoni l-Attriċi kif rappreżentata qed jitlob il-ħlas u likwidazzjoni tad-danni li sofriet b'riżultat ta' imperizja da parti tal-Konvenuti jew min minnhom.

Għal dak li għandu x'jaqsam mar-responsabbiltà ta' tabib, f'dan il-każ dentist, fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, huwa prinċipju stabbilit skont l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extra-kontrattwali [Artikolu 1032(1)]. Il-liġi taħt il-Kodiċi Ċivili tiddisponi espressament li jitqies fi ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja [Artikolu 1032(1) predett].

Biex jissussisti dan l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza "*jrid ikun hemm il-prevedibbilita` tal-event dannuz, "'prevedibbilita`' li trid tkun ta' probbabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili." (Kollez Vol XLVIII.i.258). Hu spjegat mill-awturi illi "negligenza, infatti, altro non e` se non assenza di diligenza, imprudenza e` intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenza". Ara Alpa "La Responsabilita` Civile", Trattato di Diritto Civile, Milano 1999 p. 261 u Franzoni "Le Obbligazioni da Fatto Illecito", Ed. Utet, 2004, p. 42.*" (**Maria Elvira Xuereb nomine vs Anthony Taylor et datata 25 ta' Ottubru 2013**)

Il-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja "*<u>jissinjifika illi hi imputabbli wkoll l-imgieba ommissiva f'min jonqos li jadotta mizuri ta' kawtela u ta' prudenza ghal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg haddiehor</u>. Kif jinsab ritenut, "quando*

*invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avverdersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto." (Azzopardi v. Arcicovich et, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1919.)*" (**Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Settembru 2009**) (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza **Vincent Gauci et vs it-Tabib Ewlieni tal-Gvern et** deċiża fit-28 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Appell għarfet li "*Illum huwa aċċettat illi r-relazzjoni bejn il-pazjent min-naħa l-waħda u t-tabib u l-isptar jew istitut sanitarju ieħor min-naħa l-oħra hija waħda kuntrattwali (Ara e.g. Rose Gauci et v. Donald Felice et, App. 8 ta' Ottubru 2009). Din ir-relazzjoni tinħoloq bis-saħħa ta' ftehim bejn it-tabib u l-pazjent fil-każ ta' tabib imqabbad privatament mill-pazjent u minn dak li d-dottrina u l-ġurisprudenza taljana jsejħulu "kuntatt soċjali" (Ara e.g. Cass. Civ. Sez. III, 18 ta' Lulju 2013, n.17573) fil-każ li l-kura tingħata minn tabib impjegat tal-istat fi sptar pubbliku.*

*... il-fatt illi r-relazzjoni hija kuntrattwali jolqot l-oneru tal-prova fis-sens illi, waqt illi huwa fuq l-attur l-oneru tal-prova tar-relazzjoni tabib-pazjent, tal-ħsara u tar-rabta kawżali bejn il-kura jew intervent u l-ħsara, wara li tkun saret dik il-prova mill-attur tkun tmiss lill-konvenut il-prova li l-kura ngħatat jew l-intervent sar b'ħarsien tar-regoli tal-arti u tal-aħjar prattiċi aċċettati mix-xjenza medika u li ma kien hemm ebda nuqqas jew negliġenza fit-twettiq tal-kura jew intervent.*

*...Il-konvenuti jgħidu illi l-obbligazzjoni tat-tabib hija waħda ta' mezzi mhux ta' riżultat, fis-sens illi qatt ma tista' tingħata garanzija li jintlaħaq ir-riżultat mixtieq. Dan huwa minnu iżda jfisser biss illi n-nuqqas li jintlaħaq ir-riżultat mixtieq ma huwiex waħdu ipso facto prova ta' xi ħtija min-naħa tal-konvenut. Min-naħa l-oħra iżda huwa minnu wkoll illi l-obbligazzjoni tat-tabib hija, sa ċertu punt, waħda ta' riżultat, għal-kemm fis-sens negativ, viz.* ***l-obbligazzjoni illi r-riżultat ma jkunx tibdil għall-agħar fil-kondizzjoni tal-pazjent****, bħal ma l-attur qiegħed jallega li seħħ fil-każ tallum.*

*... Billi l-kwistjoni jekk il-ħsara li ġarrab l-attur hijiex riżultat dirett tal-intervent jew hijiex konsegwenza ta' xi kondizzjoni oħra hija kwistjoni ta' natura teknika-medika, l-opinjoni tal-esperti mediċi maħtura mill-ewwel qorti tikseb importanza kbira ukoll jekk mhux bilfors determinanti*" (emfażi u sottolinear tal-Qorti).

Pero' ġie kemm-il darba diskuss x'għandu jkun il-grad ta' responsabbilita rikjest fil-każ ta' eżerċizzju ta' sengħa ta' professjonist bħal ma huwa dak fil-kamp mediku fejn il-varjanti ta' deċiżjonijiet li jridu jittieħdu fl-agonija bħal ma huwa intervent mediku huwa ħafna aktar suxxettibli għal risulta li ma jkunx mixtieq minn xi sengħa ordinarja oħra. Di fatti ġie saħansitra osservat is-segwenti:

*"Ora il riscontro sasitico dimostra che la nozione di cola grave viene intesa come evidenti violazione di regole professjonali, errore grosssolano e indiscutibile, propio quando l'indagine relattiva viene svolta in relazione ad un caso concreto straordinario ed eccezzionale si da essere adeguadamente studiato dall scienza. Sicche' l'interpretazione che si e' fatta starada presso iguidici collima con glie orientamenti gurisprudenziali precedenti alla codfiicazione del 1942*

*secondo i quali l-errore professionale era consoderato una causa d'esonero dalla responsabbilita' a condizione che non si sostanziasse in una evidente e grossolana incompetenza , ossia una colpa grave."* ( **Giovanna Visitini, Tartao Breve Della responsabbilita' Civile, Cedam, 1966 pg 234**).

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis il-mertu fid-dawl tal-prinċipji legali u ġurisprudenzjali hawn fuq esposti.

Mill-fatti senjalati supra joħroġ inkontestat, li l-intervent sottomess lill-Attriċi kien deċiżament inutli. B'riżultat ta' dan l-intervent l-Attriċi marret għall-agħar tant li spiċċat b'ferita li kellha tiġi medikata fuq perjodu ta' xahrejn.

Bħala skużanti għal-din id-deċiżjoni, d-dentisti Konvenuti donnhom iridu jitfgħu l-ħtija fuq omm l-Attriċi li aċċettat li jsir l-intervent f'isem bintha minkejja li ma tawha ebda garanzija li din se tirnexxi (ara affidavits tad-dentisti Konvenuti a' fol 44 u 53). Din l-iskużanti madanakollu ma tnaqqas l-ebda grad fil-ħtija tagħhom għan-nuqqas gravi fid-dover tad-diliġenża li kellu jiġi eżerċitat minnhom skont il-pincipju tal-*bonus paterfamilias*. Fil-prestazzjoni eżegwita minnhom, il-Konvenuti ma ħarsux lejn l-interess tal-Attriċi sabiex ir-rendiment tagħhom jagħtiha riżutlat utli (**ara Anatole Baldachino vs Baby World Limited, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 6 ta' Ottubru 2010**).

Il-Konvenuti wrew negliġenza kbira fl-eżekuzzjoni ta' aċċertamenti mediċi qabel l-intervent li wassal biex ħanek l-Attriċi ġie mniffed għalxejn. Din il-Qorti tażżarda tgħid ukoll, li l-intervent kien ikun inutli anke li kieku kien hemm nejba midfuna fix-xellug tal-ħanek. Din il-konklużjoni toħroġ waħida ladarba l-bridges kienu qed

jiċċaqilqu xorta minkejja li nejba ma kienx hemm. Il-Qorti hija madanakollu konvinta li l-Konvenuti kienu jafu li l-bridges kienu ħa jibqgħu jiċċaqalqu xorta minn qabel ma sar l-intervent.

Jirrisulta li dawn il-bridges ma humiex ta' natura permanenti u huma ddestinati li jibdew jiċċaqalqu wara numru ta' snin. Dan iddikjaraħ mhux biss Dr. Justin Agius, id-dentist riferut mill-Konvenut Dr. Paul Vella li ma qabilx mal-intervent propost minnu (ara xhieda fol 191), iżda wkoll l-espert maħtur mill-Qorti l-Profs George E. Camilleri. Dan ta' l-aħħar ta' tlett raġunijiet għaliex l-bridges ifallu wara numru ta' snin. L-espert mediku stqarr, kif anke stqarr ukoll Dr. Justin Agius, li ċ-ċirkostanza ta' down syndrome fl-Attriċi terġa tagħhmilha iktar faċli li dawn il-bridges ifallu. L-ebda minn dawn ir-raġunijiet hemm mogħtija kienu jinkludu l-eżistenza ta' nejbiet midfuna bħala kaġun ta' falliment tal-bridges. Di fatti l-espert mediku stess jistqarr li "*kemm iċ-ċaqliq tal-bridges hu dovut għan-nejbiet midfunin hu diskutibbli*" (ara rapport a' fol 308 u 309). In eskussjoni saħasitra jgħid li l-operazzjoni saret għalxejn (a' fol 324).

Il-Konvenuti għoġobhom ma jgħidhux b'dan lil-omm Attriċi. Minflok tawha x'tifhem li l-bridges qed jiċċaqalqu minħabba nejba midfuna li wara kollox kienet ineżistenti. Dan biex tiġi persważa tissottometti lill-bintha għall-intervent. Il-Qorti għaldaqstant ċertament ma tistax tlum lill-Attriċi li, priva minn kwalunkwe xjenza medika, fdat u straħet fuq il-parir mogħti mid-dentisti Konvenuti. Il-Qorti tfakkar li huwa obbligu ta' kull professjonist, partikularment fil-qasam mediku meta hija is-saħħa tal-individwu fin-nofs, li il-pazjent jew min ikun qiegħed jidher għalih ikollhom ċar ir-riskji li intervent jimporta.

Fil-ktieb "**Law and Medical Ethics" ta' Mason & Mc Call Smith (Butterworths, 3rd Edit), jingħad, f'paġna 248**, li biex jiġi deċiż x'għandu jingħad lill-pazjent, it-test li soltu jiġi segwit huwa dictum ta' **Woodhouse J. fil-kawza Smith v. Auckland Hospital Board, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell ta' New Zealand fl-1965**. It-test ġie espress hekk:

*"As it seems to me, the paramount consideration is the welfare of the patient and, given good faith on the part of the doctor, I think the exercise of his discretion in the area of advice must depend upon the patient's overall needs. To be taken into account should be the gravity of the condition to be treated, the importance of the benefits to be expected to flow from the treatment or procedure, the need to encourage him to accept it, the relative significance of its inherent risks, the intellectual and emotional capacity of the patient to accept the information without such distortion as to prevent any rational decision at all, and the extent to which the patient may seem to have placed himself in his doctor's hands with the invitation that the latter accept on his behalf the responsibility for intricate or technical decisions."*

Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ma jistgħax jitqies li l-intervent mill-Konvenuti fuq l-Attriċi kien pass diliġenti u prudenti. Il-fatt li dan sar mingħajr l-aċċertamenti mediċi neċessarji tant li wassal sabiex il-ħanek ġie mniffed inutilment tkompli taggrava l-ħtija fuq id-dentisti Konvenuti. B'din l-imġieba huma deċiżament naqsu li jadottaw '*miżuri ta' kawtela u ta' prudenza għal fini li jkun evitat event dannuż lill-ħwejjeġ ħaddieħor*' fis-sens tas-sentenzi fuq ċitati. Dan in-nuqqas wassal għal bidla għall-agħar fil-kondizzjoni tal-Attriċi.

Fil-fhema ta' din il-Qorti huma iż-żewġ debtisti li għandhom jinżammu responsabbli, għaliex għalkemm wieħed għamel intervent, l-ieħor jidher li kien qiegħed miexi, talinqas f'koordinament mal-ieħor. Anzi kien wieħed li rrakkomanda lill-ieħor sal-punt li l-konvenut Vella ħass li kellu jwassalha għand il-konvenut l-ieħor għall-intervent, anke jekk jgħid li dan għamlu b'kordjalita'. Il-Qorti temmen xorta oħra u ċioe' li dak in-nhar ħassu responsabbli għal Attriċi. Huwa jgħid li *"Meta nghid li biex nassistih, ma' hadd ebda parti fl-operazzjoni. Dak huwa xoghol ta' konsulent illi l-anqas nabbuza, pero' niftakar li darba ghedtli 'Ha nigi narak, ha nitghallem xi haga.'"* Jekk il-konvenut Galea ħa żball, dan kien wara kollox rakkomandat mill-konveut l-ieħor. Fix-xhieda tiegħu il-Konvenut Galea jiftakar li waqt l-intervent il-konvenut Vella kien qiegħed iżomm is-*suction lead*, ħaġa li kulħadd jista' jagħmel (a' fol 57B).

Il-Qorti ssib għalhekk li l-intimati imsemmijia huma, b'applikazzjoni tal-artikolu 1050 (1) tal-Kap. 16, solidalment responsabbli għad-danni sofferti minnha.

Għal fini biss tas-sub-artikolu (2) tal-istess Artikolu 1050, wara li qieset il-grad ta' parteċipazzjoni ta' kull wieħed mill-konvenuti, il-Qorti qed tqassam is-somma li ser tiġi likwidata minnha fuq kull wieħed mill-Konvenuti b'dan il-mod: sebgħin fil-mija (70%) għandha titħallas mid-dentist Konvenut Dr. James Galea (in kwantu huwa wettaq l-intervent inutli fuq l-Attriċi) u tletin fil-mija (30%) għandha titħallas mid-dentist Konvenut l-ieħor Dr. Paul Vella (bħala l-persuna li kien komparteċipi fid-deċiżjoni li jsir l-intervent tant li kienu hu li rrefera lill-Attriċi għand il-Konvenut l-ieħor għal dan il-għan).

Dan it-tqassim qed issir bla ħsara tal-jedd tal-Attriċi illi titlob il-ħlas tas-somma hawn isfel likwidata mingħand kull min trid minnhom, li lejha iż-żewġ Konvenuti qed jiġu kkundannati in solidum.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni.

**Likwidazzjoni danni**

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza **Rita Sultana et vs Antoine Colombo et datata 19 ta' Frar 2010** siltet dawn l-osservazzjonijiet rigwardanti d-dottrina legali u l-ġurisprudenza fuq il-materja tar-riżarċiment tad-danni:

"*1. In via generali d-dixxiplina normattiva tar-rizarciment tad-danni extra-kontrattwali hi, skond l-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili, abbinata mal-konsegwenzi immedjati u diretti ta' l-event dannuz. B'dan il-mod il-legislatur ried jiddelimita r-rizarciment ghat-telf subit u ghal qligh mankat li jikkonsegwi mill-fatt dannuz in bazi ghal "id quod plerumque accidit". Li jfisser, illi l-legislatur ried jakkolla fuq il-persuna responsabbli mhux kwalunkwe riperkussjoni patrimonjali izda biss id-danni veri u proprji. F'kelma wahda, il-legislatur ma riedx li jkunu inkluzi kwalsiasi danni, huma x'inhuma, izda dawk biss li jkollhom konnessjoni mal-fatt illecitu. Anke f'din il-perspettiva n-ness guridiku ghandu rwol importanti*

*ghal skop tad-danni riparabbli in kwantu ghall-utilita` li jallaccja d-danni kollha fis-serje kawzali ma' event wiehed specifiku;*

*2. Bla dubju, l-indagini dwar liema huma d-danni diretti u immedjati jikkoinvolgi valutazzjoni ta' fatt u din, ordinarjament, tesula mis-sindikar da parti ta' din il-Qorti ta' revizjoni jekk tinstab li hi sorretta minn motivazzjoni sobrija u adegwata;*

*3. Premess dan, tajjeb li wiehed jisottolineja illi l-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu (ara "**Bugeja -vs- Cassar**", Appell Civili, 1 ta' April, 1966). Ukoll, tezisti dik l-esigenza li ddanneggjat bi dmir ghandu jaghmel dak kollu li hu ragonevoli biex inaqqas il-hsara ("**Blackman -vs- Formosa**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1994 u "**Sullivan -vs- Grixti**", Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 1999).*

*F'dan il-kuntest hu wkoll ritenut illi l-kwestjoni ta' x'inhu ragonevoli li jaghmel id-danneggat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari (ara "Mallia **-vs- Moore**", Appell Civili, 26 ta' Novembru, 1954) u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut" ("**Aquilina - vs- Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar, 1969);*

*4. Valevoli dejjem li jigi wkoll sottolinejat illi r-regola ghandha tkun illi d-dannu reklamat m'ghandux ikun sors ta' approfittar jew ta' lukru u li l-mizura tar-rizarciment m'ghandhiex tissupera l-interessi lezi. Ara "Borg nomine et -vs- Schembri", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Jannar, 1965;" (Emfażi tal-Qorti)*

*Stabbilit dan il-Qorti taqbel ma dak sottomess mis-soċjetá konvenuta a' fol 259 sa 262 tan-nota tagħha u tqis li l-ammont reklamat jisboq ferm il-valur tal-*

*apparat mitluf konsegwenza tal-even dannuż. Dan tant li jinkludi apparat li ġie mibdul minkejja li ma ġarrab l-ebda ħsara fl-inċident. Is-somma reklamata għalhekk ma hijiex ekwivalenti għal "somma li tekwipara l-valur tal-utilitajiet mitlufa" (**Antonio Zammit vs Mario Calleja**, Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977).*

*Kif ġie ritenut, "f'rapport ta' derivazzjoni ex-delicto jew vel quasi delicto.., ir-responsabilitá tad-danneġġjanti hi ċirkoskritta għall-konsegwenzi probabbli tal-kondotta tiegħu, u mhux ukoll biex iwieġeb għal kwalsiasi konsegwenza indiretta jew remota li tista' tiddixxendi mill-operat tiegħu. Fi kliem ieħor, kif ġja rilevat hawn fuq, hu mistenni li d-danneġġjant jagħmel tajjeb għal dawk id-danni li huma verament immedjati u prossimi b'rabta ma' l-event li skaturihom*."(**Safety & Security Management Limited vs Emmanuel Spiteri, Appell Inferjuri, 12 ta' Marzu, 2010**).

Fir-rapport tiegħu l-espert mediku ikkonkluda li ma kienx hemm ħtieġa li jeżamina l-Attriċi. Fl-eskussjoni tiegħu huwa spjega li l-intervent li sar ma jħalliex diżabilitá permanenti iżda huwa wieħed li l-pazjent normalment jirpilja minnu (ara eskussjoni a' fol 326). Di fatti imkien fir-rapport tiegħu ma wasal għal xi xorta ta' perċentwalita' ta' diżabilita' permanenti.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti ma hiex se tikkunsidra telf ta' qliegħ futur fil-konfront tal-Attriċi. Għalhekk ser tikkunsidra biss it-telf attwali li hija soffriet.

Jirriżulta mill-affidavit tal-omm (a' fol 102 para 10) u l-irċevuti hemm annessi (a' fol 103 u 105) li l-Attriċi nomine Carmela Galea nefqet €2,500 Ewro għall-intervent li sar fuq bintha inutilment u għal proċeduri li kellha tiġi sottomessa

għalihom in preparazzoni għall-istess. Hija nefqet ukoll €1,070 spejjeż li saru għand id-dentist Dr. Justin Agius biex jirrimedja l-problema tal-attriċi. Dan billi ssostwixxa l-bridges b'implant permanenti.

Fl-Affidavit tagħha l-Attriċi tgħid li ma żammitx l-irċevuti kollha li nefqet aktar għand id-dentisti (a' fol 102). Il-Qorti hija moralment konvinta li fiċ-ċirkostanzi spejes oħra saru żgur. Il-fatt li ma hemmx riċevuti dan ma jfissirx li l-infieq għandu jkun injorat. F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jgħallmu li "*Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta'Kassazzjoni, illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato' "* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt -vs- The Cargo Handling Co Ltd' deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004**). Il-Qorti qiegħda għalhekk tillikwida ex equo et bono is-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) bħal spejjes oħra li talvolta inkorriet l-Attriċi inkonnesjoni mal-mertu ta' din il-Kawża.

Il-Qorti għalhekk tillikwida danni f' telf attwali subiti mill-attriċi fl-ammont ta' **€5,070**.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Konvenuti**.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati huma solidalment responsabbli għad-danni sofferti mill-Attriċi fil-proporzjon kif spjegat fis-Sentenza.

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' €5,070 (ħamest elef u sebgħin ewro) bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

**Tilqa' t-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-Konvenuti d-dentist Dr. Paul Vella u d-dentist Dr. James Galea jħallsu solidalment bejniethom is-somma hekk likwidata lill-Attriċi bil-mod kif ġiet imqassma minn din il-Qorti aktar il-fuq f'din is-sentenza, bla ħsara tal-jedd tal-Attriċi illi titlob is-somma kollha mingħand wieħed minnhom.

**L-Ispejjeż** kollha ta' din il-kawża, inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja tat-30 ta' Novembru 2011, jitħallsu mill-Konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**